**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., MAG. JUR. (EU LAW)**

**DISTRETT QORMI**

**Kawża Numru 7245/23**

**Il-Pulizija**
**vs**
**George Spiteri**

**Illum, 28 ta' Frar, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra George Spiteri ta' 74 sena, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0124649M, li permezz tagħha ġie akkużat talli:

> *"…nhar 05/08/2023, ghall-habta tal 11:30Hrs Gewwa Triq San Guzepp, Hal Qormi.*
>
> *1. Mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex teżerċita dritt li tippretendi li għandek, ġegħelt bl-awtorita' tiegħek innifsek lil BONELLO, CHRISTOPHER iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil BONELLO, CHRISTOPHER fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indħalt fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor."*

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet trattazzjoni finali;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-akkuża tiffigura l-offiża tar-*ragion fattasi* ai termini tal-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-Liġi Maltija, l-elementi ta' dan ir-reat kif imħadna fil-ġurisprudenza Maltija jirriflettu l-analiżi tal-ġurista Taljan Francesco Carrara fil-kitba tiegħu Esposizioni dei Delitti in Specie – Parte speciale del Programma del Corso di Diritto Criminale, Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'paġna 487, para 2850, itenni l-elementi ta' dan ir-reat bħala:

*"1.o Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo*

*2.o Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto*

*3.o Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati*

*4.o Mancanza di titolo piu' grave."*

Fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs. Spiru Bartolo**, nhar id-disgħa (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006), intqal hekk:

*"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe':-*

*(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor;*

*(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;*

*(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u*

*(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia"[17.2.95] ; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef"[6.6.95] ; "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri"[18.9.2002] u ohrajn)."*

Tal-istess portata kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Mario Lungaro** fit-18 ta' Novembru, 1996:

*"Biex jikkonfigura ruhu r-reat ta' ragion fattasi, iridu jikkonkorru dawn l-elementi:*

*"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra lopposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;*

*(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;*

*(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u*

*(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123)."*

*Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".*

Din il-Qorti tqis illi fil-kliem tal-liġi nfisha, biex jissussisti r-reat tar-*ragion fattasi* jinħtieġ li l-imputat *"ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu."* Fi kliem ieħor jinħtieg att estern li jispolja lil ħaddiehor minn oġġett li jkun qiegħed igawdi. Jekk il-pussess ikun diġà qiegħed għand l-imputat u l-imputat jagħżel li jżomm dan il-pussess, ma jkun qiegħed jagħmel l-ebda att estern li permezz tiegħu ineħħi l-oġġett mill-pussess tat-terz u jimpussessa ruħu minnu. L-imputat ma jkun fixkel lil ħadd mill-pussess ta' ħwejġu għax pussess ma jkunx kellu. Fil-kawża fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Eileen Said**, deċiża fid-19 ta' Ġunju, 2002, il-Qorti tal-Appelli Kriminali spjegat li:

*"Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gia' ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol 5 para 2850):-*

*'L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo", il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale."*

Dwar dan il-punt, hemm ukoll dottrina u ġurisprudenza Taljana dwar ir-reat ta' *ragion fattasi* li minnu l-leġislatur Malti kien ġie kjarament ispirat, li tgħallem li ż-żamma jew rifjut ta' konsenja ta' oġġetti per sè, ma twassalx għal dan ir-reat ta' *ragion fattasi*. Skont il-Majno, *"E per parita di ragione fu giudicato non costituire delitto di esercizio arbitrario il semplice fatto di trattenere e rifiutarsi a restituire"*. (Codice per il Regno d'Italia, Luigi Maino – Libro II, Titolo IV, Art. 235 e 236, Para 1189, fol. 6).

Il-Qorti tirreferi għas-sentenza '**Il-Pulizija v Michael Saliba**' tal-20 t'Awwissu, 2009, deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali, mogħtija mill-S.T.O Vincent De Gaetano, fejn, bħal ħafna deċiżjonijiet oħra, kienu elenkati l-elementi tar-reat li jidher fl-Artikolu 85 tal-Kap 9. Dawn huma:

(1) Att estern li jispolja lil xi ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppożizzjoni, espress, jew preżunta, ta' dak il-ħaddieħor;

(2) Il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta' dritt;

(3) Il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' awtorità pubblika;

(4) In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

Il-Qorti kompliet tispjega li l-kelma 'spolja' għandha sinifikat wiesgħa mogħti għall-istess Artikolu 85, u ċioè li 'wieħed iġiegħel lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu ilma għalih, jew li wieħed b'mod ieħor kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor.' Il-Qorti kompliet tgħid 'dan ir-reat huwa intiż biex jipprevjeni li wieħed, flok ma jirrikorri għall-proċedura skont il-liġi ċivili , jieħu l-liġi b'idejh.'

Il-kliem 'jew li wieħed b'mod ieħor konta l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħadd ieħor' għandu portata qawwija. Din il-Qorti ma tidħol f'ebda dritt ta' proprjetà. L-Artikolu 85 tal-Kap 9 mhux ristrett għal xi forma ta' spoll fis-sens dejjaq tal-liġi ċivili (Kap 16). Anzi l-leġislatur ried ikopri dawk is-sitwazzjonijiet kollha fejn wieħed ikun privat milli jgawdi d-drittijiet tiegħu bil-kwiet.

Din il-Qorti qieset li mill-provi, irriżulta li l-ilment li wassal għar-rapport mal-Pulizija kien minħabba li allegatament l-imputat, flimkien ma' persuni oħrajn, kienu qed jaqbżu għal fuq il-bejt tal-proprjetà ta' Christopher Bonello, sabiex ikollhom aċċess għal kompressur tal-*air conditioner.*

Din il-Qorti tqis li l-parte ċivile ma setax jikkonferma d-data eżatta meta seħħ dan l-allegat dħul fi proprjetà tiegħu, iżda ppreżenta filmat minn *CCTV camera* li għandu stallata. Waqt ix-xhieda mogħtija minnu, Christopher Bonello kkonferma li l-bejt minn fejn għadda l-imputat, huwa fil-pussess u proprjetà tiegħu.

Madanakollu, din il-Qorti, meta tqis li l-lanjanza tal-parte ċivile kienet għall-fatt li l-imputat għadda minn fuq il-bejt proprjetà tiegħu mingħajr ma talab l-ebda kunsens, tasal għal konklużjoni, li semmai kellha tinħareġ imputazzjoni differenti, u mhux l-imputazzjoni tar-*raggion fattasi*.

Din il-Qorti ma tqisx li ġew ippruvati mill-Prosekuzzjoni, l-elementi kollha ta' *raggion fattasi*. Il-Qorti ma rravviżatx li ġie ppruvat mill-Prosekuzzjoni, li l-imputat kellu l-kredenza li huwa qiegħed jgħaddi minn fuq il-bejt in kwistjoni b'eżerċizzju ta' xi dritt. Lanqas ma ġie ppruvat li l-imputat kien qiegħed jagħmel *di privato braccio*, dak li jmissu jsir permezz ta' awtorità pubblika. Sempliċiment huwa aċċeda minn hemmhekk in vista ta' sitwazzjoni ta' emerġenza li nqalgħet, minħabba ħsarat fil-kompressur (Vide affidavit ta' PC 163 Jake Camilleri).

Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn kull kundanna u ħtija.

**Deċide**

**Għaldaqstant u għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti mhux qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni mressqa fil-konfront tiegħu u qiegħda għalhekk tillibera lill-imputat minn kull kundanna u ħtija.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**